TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Fl-atti tat-Talba CCT 132/22/F

**Stephen u Dorianna Fava**

**vs**

**Aaron Super Plastering – Aaron Micallef**

Illum, 10 ta' Lulju 2023

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mir-Rikorrenti nhar il-15 ta' Settembru 2022;

Ra li minkejja li ġie debitament notifikat bl-Avviż tat-Talba fl-24 ta' Settembru 2022, l-Intimat naqas milli jippreżenta Risposta;

Sema' x-xhieda bil-ġurament;

Ra d-dokumenti ppreżentati mill-partijiet;

Sema' s-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ra li t-talba tħalliet għas-sentenza.

**Ikkonsidra:**

Illi filwaqt li jallegaw li l-Intimat għamel xogħol difettuż fl-installazzjoni ta' kamra tal-banju fir-residenza tagħhom, ir-Rikorrenti qed jitolbu li l-Intimat jiġi kkundannar iħallashom is-somma ta' erba mija u sittin Euro (€460.00) rappreżentanti dak li huma kellhom iħallsu lil ħaddiem ieħor, ossija Mark Darmanin, sabiex jirranġa x-xogħol wara l-Intimat.

Illi fix-xhieda tagħha, ir-Rikorrenti Dorianne Fava tispjega li hija u żewġha kienu nkarigaw lill-Intimat sabiex jinstalla *shower door* u *wall mounted toilet*. Tgħid li wara biss ħmistax, ix-shower kienet qed tagħmel l-ilma u t-*toilet* kien beda jinqata' minn mal-ħajt u joqtor l-ilma maħmuġ minn fejn is-sifun tiegħu jaqbad mal-katusa. Ikkuntattjat lill-Intimat darbtejn biex jirrimedja iżda dan kien ta' xejn u l-problemi

baqgħu hemm. Eventwalment kienet ħadet parir mingħand il-fornitur Satariano u ġie suġġerit lilha li tinkariga lil Mark Darmanin sabiex jittenta jirranġa l-problemi kif fil-fatt għamlet.

Illi r-Rikorrenti produċew bħala xhud ukoll lil Mark Darmanin. Spjega li huwa attenda fuq il-lok u minn dak li ra, irriżultalu li l-bieba tax-shower kienet imwaħħla bil-maqlub u li l-*toilet* kien ibboltjat *mal-ħajt b'mod ħażin*, tant li malli qabdu, "ġie f'idi". Ikkonferma li ta' xogħlu huwa tħallas is-somma ta' erba mija u sittin Euro (€460.00) u dan skont ir-riċevuta fiskali eżebita in atti. Seduta stante, ix-xhud għamel dijagrammi li turi għalfejn it-*toilet* ma kienx imwaħħal sew u kien qed jiċċaqlaq u jagħmel l-ilma.

Illi mill-banda l-oħra, l-Intimat Aaron Micallef, għalkemm naqas milli jippreżenta Risposta, attenda għas-seduti quddiem it-Tribunal u fix-xhieda tiegħu jammetti illi "ma stajtx naqbad art" tax-*shower* u fil-fatt kien diriġa lill-klijenta biex tkellem lil Satariano biex jaraw huma kif għandha teħel. Dwar it-*toilet* jgħid li "kien imwaħħal tajjeb u ma nistax nifhem għalfejn daħħlu ħaddiem ieħor fuqi". Jikkonferma li huwa kien tħallas l-ammont kollu dovut ta' xogħlu mir-Rikorrenti u filwaqt li jispjega li kull meta r-Rikorrenti kienu għamlu lment huwa mar fuq il-post, jargumenta li huwa kien dejjem offra li jirrifondi lir-Rikorrenti s-somma ta' madwar €90 għat-twaħħil tax-*shower* u għalhekk iqis li ġie soġġett għal dawn il-proċeduri inġustament.

Illi huwa ċar li r-rapport tal-Intimat mar-Rikorrenti kien wieħed ta' appaltatur u l-ġurisprudenza tagħna tgħallem li in materja ta' adempjenza kuntrattwali, l-appaltatur għandu jassikura li x-xogħol lilu kommess ikun ser isir utilment u mhux b' mod li juri difetti. L-obbligu primarju jibqa' dejjem li "l-appaltatur hu obbligat jeżegwixxi l-opra miftehma skond is-sengħa" (Kollez. Vol. XLI P II p 892). Dan fis-sens li *"l' imprenditore ha l' obbligo di eseguire bene l' opera commessagli secondo i dettami dell' arte suo, e deve prestare almeno una capacita` ordinaria*" (Kollez. Vol. XXVII P I p 374).

Illi għalhekk, dak li qed jitlolbu r-Rikorrenti jinkwadra sewwa entro d-drittijiet tagħhom bħala konsumaturi għax huma, ladarba inkarigaw lill-Intimat sabiex iwettaq ix-xogħol fuq il-kamra tal-banju tagħhom, kellhom kull dritt li jippretendu li dan ix-xogħol, fil-limiti tal-possibilità u tar-raġjonevolezza, isir sewwa u mingħajr difetti.

Illi meqjusa l-provi kollha ppreżentati u l-verżjonijiet taż-żewġ partijiet, fuq bażi ta' probabbilità, it-Tribunal jikkonkludi li l-Intimat ma kienx kompetenti li jagħmel sewwa x-xogħol li daħal għalih u għalhekk, it-Talba tar-Rikorrenti hija fiċ-ċirkostanzi ġustifikata.

**Deċiżjoni:**

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba billi jilqagħha u jikkundanna lill-Intimat sabiex iħallas lir-Rikorrenti is-somma ta' erba mija u sittin Euro (€460.00).**

**L-ispejjeż jkunu a karigu tal-Intimat.**

**Avv. Mattia Felice**
***Arbitru***